# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 8 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 28.**
**Citazz. Nru. 1629/00 JRM**

**MEGABYTE LIMITED**

**vs**

**OPCOM COMPANY LIMITED**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' elf mitejn, sitta u sebghin lira maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm1276.46) liema ammont hu dovut bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata fuq ordni taghha stess, kif ukoll ghas-servizzi pprestati lilha f'diversi okkazzjonijiet;

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm il-darba sabiex thallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata dsatax (19) ta' Gunju 2000, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-kumpanija attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin lira maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm1276.46);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata dsatax (19) ta' Gunju 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija u l-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf mitejn sitta u sebghin lira maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm1276.46) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata dsatax (19) ta' Gunju 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-

konsenja tal-merkanzija u l-prestazzjoni tas-servizzi sasl-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**8 ta’ Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**8 ta’ Frar, 2001.**